MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 151/2006/1

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera DaimlerChrysler AG u b'digriet tal-10 ta' Novembru 2008 l-isem DaimlerChrysler AG tbiddel ghal Daimler AG stante tibdil fl-isem socjetarju fil-mori tal-appell.**

**v.**

**Victor Reginiano**

**Il-Qorti:**

**I. Is-Sentenza Appellata**

1. Il-konvenut Victor Reginiano appella mis-segwenti sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-seduta mizmuma fid-19 ta’ Ottubru 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi. B’din is-sentenza kien gie deciz li konsenja ta’ 2100 arloggi u materjal ta’ ppakkettjar relattiv importati f’Malta mill-konvenut kienu jikkontravjenu d-dritt ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici kif protetti bi *trademarks* komunikarji specifici taghha. Ghalhekk il-Qorti ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-konsenja in kwistjoni. Is-sentenza, issa appellata, hija din:

“Il-Qorti:

“Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fis-27 ta` Frar, 2006, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

“1. L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone jirrapprezenta lis-socjeta` estera DaimlerChrysler AG, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f`Malta, *inter alia* in konnessjoni mal-karozzi *“Mercedes-Benz”*, u proprjetarja ta` diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha;

“2. B`hila u b`invenzjoni, kif ukoll b`hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, DaimlerChrysler AG akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

“3. Fost ohrajn, DaimlerChrysler AG ghandha validament registrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) bin-numri 000139865, 000139964 u 000140335 rispettivament, il-markji *“MERCEDES-BENZ”*, *“Mercedes-Benz”* u tarka partikolari ta` *three pointed star* tridimensjonali gewwa cirku, ilkoll b`effett mill-1 ta` April tal-1996 u dan f`kull kaz dwar diversi prodotti u servizzi fosthom *“horological and chronometric instruments”* li jaqghu fi klassi 14 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta` Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the Registration of Marks* tal-15 ta` Gunju, 1957 (kif sussegwentement emendat);

“4. Dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), DaimlerChrysler AG hija *“detentrici ta` dritt”* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-*Council Regulation (EC) No. 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights,* biex b`hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 1(a)(i), (ii), 2(a), 10, 16 u 17 taghha fost ohrajn. Oltre dan, is-socjeta` attrici hija *“detentrici ta` dritt”* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att ta` l-2000 dwar Drittijiet dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 ta` l-Edizzjoni Riveduta ta` l-Ligijiet ta` Malta), biex b`hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi fl-Artikoli 2(1)(a)(i), (ii) u (iii), 4 u 8(1) taghha;

“5. Recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-Artikolu 1(1) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx ta` oggetti konsistenti f`2100 arloggi u materjal ta` ippakkettjar relattiv li fihom sinjali konsistenti fil-kliem *“Mercedes Benz”*, *“Mercedes-Benz”* u tarka partikolari ta` *three pointed star* gewwa cirku, liema oggetti waslu fid-Dwana ta` Malta ghar-rilaxx favur il-konvenut u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta` proprjeta` intellettwali;

“6. DaimlerChrysler AG giet maghrufa bis-sejba fis-6 ta` Frar, 2006, u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta` kampjuni ta` dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali ta` DaimlerChrysler AG;

“7. Sussegwentement DaimlerChrysler AG nghatat id-dettalji tal-konvenut mill-Kontrollur tad-Dwana, u gie lilha prefiss terminu mill-istess Kontrollur tad-Dwana sat-28 ta` Frar, 2006 sabiex tinghatalu prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-

konvenut li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

"8. Effettivament, l-oggetti mertu ta` din il-vertenza jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici DaimlerChrysler AG, u ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 9 1. (a), (b) u 9. 2 tal-*Council Regulation (EC) No 40/94 on the Community trademark*;

"9. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili hija l-Qorti tal-Prim Istanza li tittratta dwar *Trademarks* Komunitarji, u giet specifikament desinjata ghal tali skop permezz tar-regolament 9 tal-Avviz Legali 2003 tal-2003;

"10. L-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati u debitament enumerati;

"Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

"(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f`2100 arloggi u materjal ta` ippakkettjar relattiv li fihom sinjali konsistenti fil-kliem *"Mercedes Benz"*, *"Mercedez-Benz"* u tarka partikolari ta` *three pointed star* gewwa cirku, liema oggetti waslu fid-Dwana ta` Malta ghar-rilaxx favur il-konvenut u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta` proprjeta` intellettwali, fil-fatt jikkontravvjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici DaimlerChrysler AG fir-rigward tat-*trademarks* Komunitarji taghha bin-numri 000139865, 000139964 u 000140335 rispettivament;

"(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti `l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici DaimlerChrysler AG jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lill-,u ghas-spejjez ta` - l-konvenut;

"(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett

li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

"Rat li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat bl-att tar-rikors, naqas li jipprezenta risposta u b`hekk baqa` kontumaci.

"Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

"Semghet lill-attur;

"Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Irrizulta li Dr. Luigi A. Sansone huwa rapprezentant tas-socjeta` *DaimlerChrysler AG* ta' *Stuttgart,* il-Germanja, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Din is-socjeta` kienet giet avzata li ser tidhol Malta konsenja ta' arloggi mill-Hong Kong abbord il-vapur *MV "CMA-CGM-BALZAC"* gewwa *container groupage*, u f'isem il-kumpanija attrici l-attur kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana jzomm il-konsenja u jaghtihom kampjuni biex jibghatuhom lid-ditta estera biex janalizzawhom u jaraw jekk humiex folox jew genwini. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma, u din fil-fatt giet mizmuma l-*Customs Bond tad-Dwana.* Dawn il-fatti gew konfermati wkoll minn George Agius, li huwa *Inspector Custom Enforcement Unit,* li semma li fit-30 ta` Jannar, 2006, instabu diversi arloggi tal-marka *Mercedes Benz* u li gew importati minn Hong Kong; dawn inzommu ghal aktar investigazzjonijiet. Ikkonferma li kienu ittiehdu kampjuni biex jigu analizzati. Fid-dokument esebit *a fol. 73* tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Dottor Beate Lalk-Menzel li hi tahdem fl-ufficcju tas-socjeta` attrici li fiha jinghad li *"the products*

*are all fake"*. Fl-istess dikjarazzjoni tghid ir-ragunijiet ghaliex waslet ghal din il-konkluzzjoni.

"Illi meta jitqiesu l-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzjonijiet li gejjin:

"a. il-kumpanija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-Artikolu 2 tieghu;

"b. dan id-dritt jikkonsisti fil-markji *"Mercedes-Benz"* u tarka partikolari ta` *three pointed star* tridimenzjonali gewwa cirku, u estiz ghal diversi prodotti, fosthom *"horological and chronometric instruments"*; l-arloggi importati mill-konvenut jidhlu f`din il-kategorija;

"c. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpanija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

"d. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, la darba jikser il-jeddijiet tal-kumpanija attrici;

"e. jidher li l-kumpanija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-Artikolu 5 tal-Att. Dwar jekk it-termini preskritti fil-ligi gewx segwiti jew le, mhux materjali ghal din il-kawza. In-nuqqas tad-ditta attrici li ssegwi t-termini preskritti kien, forsi, jaghti dritt lill-Kontrollur tad-Dwana li ma jibqax izomm bhala maqbuda l-oggetti in kwistjoni; darba, pero`, l-oggetti baqghu mizmuma taht il-kontroll tal-Kontrollur tad-Dwana, l-azzjoni tal-attur tista` tipprocedi.

"f. it-talba tal-kumpanija attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta` intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Att; u

"g. il-falsita' tal-imsemmija hwejjeg fid-dawl tal-ikkuppjar tal-marka protetta tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

"Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpanija attrici kellha ragun temmen li l-2,100 arloggi li ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici kif dedotti, b'dan li ghal fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta' hmistax-il gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-arloggi *in kwistjoni*; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress li fil-fatt, l-attur *nomine* m'ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward.

"Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti."

## II. L-Appell

2. Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u fit-3 ta' Novembru 2006 interpona appell minnha. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant bazikament ressaq dawn l-aggravji:

a. li t-termini qosra u perentorji preskritti fil-ligi ma gewx osservati;

b. li l-Kap. 414 ma japplikax ghall-kaz ghaliex ma giex ippruvat li l-oggetti in kwistjoni kienu *the same type of goods* bhal arloggi protetti bit-*trademarks* lis-socjeta` attrici; u

c. illi l-emblema fuq il-prodotti maqbuda taghti lemha imma mhix identika ghat-*trademarks* tas-socjeta` attrici u allura ma hemmx l-identita` li tista’ ggib disgwid.

3. Wara li spjega dawn l-aggravji, l-appellant talab lil din il-Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha dwar l-ewwel zewg talbiet, u tikkonfermaha dwar it-tielet, u minflok tichad it-tlett talbiet, bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

4. L-attur appellatipprezenta r-risposta tieghu fit-23 ta’ Novembru 2006. Hemmhekk talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant, wara li fisser ir-ragunijiet tieghu ghal din it-talba u l-opposizzjoni ghall-aggravji mressqa mill-appellant.

**III. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

5. Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

Fis-6 ta’ Frar 2006 Alfred Mallia, Enforcement Officer tad-Dwana ta’ Malta, informa permezz ta’ *e-mail* (ara fol. 58) lis-socjeta` DaimlerChrysler AG illi kienu nzammu xi arloggi ta’ l-idejn bis-sinjal “Mercedes Benz” fuq suspett illi kienu kontraffatti (ara ritratti ta’ kampjuni tal-istess arloggi, l-ippakkjar u kaxxi relattiva a fol. 58 sa 69).

L-Enforcement Officer avza lil din is-socjeta` illi kellha zmien sa l-14 ta’ Frar 2006 sabiex tistitwixxi proceduri legali. Dawn l-oggetti kienu gew importati mill-konvenut appellant minn Hong Kong (ara l-*invoice* u l-*packing list* esebita a fol. 75 sa 79). Dr. Beate Lalk-Menzel, li hija rapprezentata tad-DaimlerChrysler AG, informat lill-imsemmi Alfred Mallia permezz ta’ *e-mail* datata 6 ta’ Frar 2006 (ara fol. 73) illi dawk l-oggetti kienu fil-fatt kontraffatti u talbet lill-Kontrollur tad-Dwana biex jiddistruggihom u jibghatilha dettalji tal-persuni involuti.

6. Il-konvenut Victor Reginiano ghazel li jibqa’ kontumaci ghaliex nonostante li gie debitament notifikat bir-rikors promotur tal-kawza odjerna, huwa naqas li jipprezenta

nota ta’ eccezzjonijiet fit-terminu lilu indikat. Madanakollu, huwa ressaq nota ta’ osservazzjonijiet (ara fol. 96 sa 98) bhala risposta ghal dik tal-attur nomine. Ta’ min jghid li l-imsemmija nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut qajjmet, tista’ tghid, l-istess kwistjonijiet li l-appellant issa qieghed iressaq bhala aggravji ghall-appell tieghu f’din il-kawza, li giet deciza kontra tieghu fid-19 ta’ Ottubru 2006. Kif diga` ntqal l-aggravji mressqa quddiem din il-Qorti mill-appellat huma tlieta. Imiss issa li dawn l-aggravji jkunu ezaminati fid-dawl tar-rizultanzi processwali.

7. Bl-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed jissottometti illi t-termini parentorji preskritti mil-ligi applikabbli ma gewx osservati. L-appellant jaghmel referenza ghal parti mis-sentenza appellata fejn ntqal hekk:

“Dwar jekk it-termini preskritti fil-ligi gewx segwiti jew le, mhux materjali ghal din il-kawza. In-nuqqas tad-ditta attrici li ssegwi t-termini preskritti kien, forsi, jaghti dritt lill-Kontrollur tad-Dwana li ma jibqax izomm bhala maqbuda l-oggetti in kwistjoni; darba, pero` l-oggetti baqghu mizmuma taht il-kontroll tal-Kontrollur tad-Dwana, l-azzjoni tal-attur tista’ tipprocedi.”

L-appellant isostni illi din l-affermazzjoni tal-ewwel Qorti hija legalment zbaljata peress illi l-Kontrollur tad-Dwana ppriva lill-konvenut minn hwejjgu meta baqa’ jzomm l-oggetti meritu tal-kawza meta ma kellux “ligi wara spallejh”. L-appellant isostni li t-termini imposti mil-ligi kienu relevanti u li jekk l-azzjoni ma tigix inizjata fiz-zmien utli jkun hemm dekadenza tad-dritt u tat-talbiet.

8. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana, kien informa lid-detentur tat-*trademark* “Mercedes-Benz” cioe` is-socjeta` DaimlerChrysler AG bis-suspett li l-konsenja ta’ arloggi ta’ l-idejn importati f’Malta kienu jikkontravjenu d-dritt tal-proprjeta` intellettwali ta’ din is-socjeta`. Il-Kontrollur tad-Dwana ha din l-azzjoni, kif awtorizzat li jaghmel *ex officio*, bis-sahha tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-proviso ta’ dan l-artikolu jghid hekk:

“Il-Kontrollur tad-Dwana jista’ jissospendi r-rilaxx ta’ l-oggetti jew izommhom ghal perjodu ta’ hamest ijiem tax-xoghol sabiex id-detentur tad-dritt ikun jista’ jaghmel applikazzjoni ghal azzjoni skond l-Artikolu 5 ta’ dan l-Att.”

9. L-ewwel korrispondenza f’ordni kronologiku li giet esebita fir-rigward tal-konsenja tal-arloggi in kwistjoni kienet *e-mail* li ggib id-data tas-6 ta’ Frar 2006 u din kienet gurnata tat-Tlieta. F’dik l-*e-mail*, Alfred Mallia, Enforcement Officer fid-Dwana ta’ Malta, informa lil DaimlerChrysler AG illi d-Dwana kienet zammet elfejn u mitt (2100) arlogg tal-idejn bis-sinjal ta’ “Mercedes Benz” li *prima facie* kienu jidhru li jivvjolaw id-drittijiet intellettwali ta’ din l-istess socjeta`. Din l-*e-mail* tghid hekk, *“If your office intends to institute legal proceedings, against importer, you must do that by not later than Tuesday 14th February 2006.”* It-terminu li nghata f’din l-*e-mail* huwa appuntu dak it-terminu kkontemplat mill-Artikolu 6 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` hamest ijiem tax-xoghol (l-10 ta’ Frar hija festa pubblika). Dakinhar stess, l-Avukata Beate Lalk-Menzel ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` DaimlerChrysler irrispondiet b’*e-mail* ohra lis-Sur Mallia (ara fol. 73) fejn, *inter alia*, qaltlu:

*“Please note that the products are all fake. Therefore, kindly arrange for their seizure and destruction and let us know the details of the parties involved asap.”*

Fit-13 ta’ Frar 2006 l-attur nomine baghat lill-Kontrollur tad-Dwana *facsimile* esebita a fol. 70, li tghid hekk:

*“Further to previous correspondence with DaimlerChrysler AG, would you kindly extend the deadline for action by 10 working days and provide me with details of the infringer so that we can prepare appropriate civil judicial proceedeings – as you have been previously informed, the photographs you kindly provided are of counterfeits.”*

Fl-14 ta' Frar 2006 Alfred Mallia baghat *e-mail* lill-attur nomine (ara fol. 72) li biha informah li t-terminu in kwistjoni kien gie estiz sat-Tlieta, 28 ta' Frar 2006.

Fl-istess gurnata l-attur nomine rega' talab lis-Sur Mallia li jaghtih id-dettalji tal-importatur u tal-arloggi in kwistjoni. Dawn id-dettalji inghataw lill-attur nomine permezz tal-*e-mail* datata 24 ta' Frar 2006 u li tinsab a fol. 80 tal-process.

10. L-Artikolu 5 jipprovdi li d-detentur tal-proprjeta` intelletwali jista' jaghmel applikazzjoni lill-Kontollur tad-Dwana sabiex l-awtoritajiet tad-Dwana jiehdu azzjoni meta oggetti jkunu allegati li jikkontravvjenu drittijiet ta' proprjeta` intelletwalli, bil-mod imfisser f'Artikolu 4, f'dan il-kaz, bid-dhul ta' dawn l-oggetti gewwa Malta.

11. L-appellant isostni li ma gietx segwita l-procedura ndikata f'Artikolu 5 li hija necessarjament bil-miktub stante n-natura probatorja li jkun hemm bzonn ta' l-osservanza tat-termini. L-appellant isostni li din il-prova bil-miktub la tinsab f'ittra u l-anqas f'kopja ta' *e-mail*. L-appellant isostni wkoll li l-attur naqas li jipprova dak li hu prevvist fl-Artikolu 6 tal-Kap 414. Isostni wkoll illi l-appellat nomine ma gab ebda dokument li jipprova li l-Kontrollur tad-Dwana estenda t-terminu sat-28 ta' Frar. Isostni li l-estensjoni moghtija kienet dwar Artikolu 7 meta kien hemm terminu perentorju skond Artikolu 5 li kellu japplika. Inoltre, l-appellant isostni li anke l-Artikolu 7(4) gie miksur ghaliex skond l-email (DOK LAS 03) l-estensjoni qatt ma setghet tkun aktar minn ghaxart ijiem. Isostni li l-estensjoni kellha tkun ghal ghaxart ijiem imbghad ghal ghaxart ijiem ohra, izda l-estensjoni saret f'nofs il-proroga taghha. L-appellant jghid li dan mhux legali ghaliex bejn l-14 ta' Frar u t-28 ta' Frar hemm aktar minn ghaxart ijiem.

12. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qed isostni l-appellant f'dan l-ewwel aggravju tieghu u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a. F'korrispondenza mibghuta bl-*e-mail* tas-6 ta' Frar 2006, mill-Avukata Beate Lalk-Menzel lil Kontrollur tad-Dwana (a fol. 73 tal-process) hemm it-talba cara lill-

Kontrollur sabiex jiehu azzjoni fir-rigward tal-konsenja arloggi in kwistjoni billi huma kontraffatti.

b. Ghandu jinghad illi l-funzjoni tal-applikazzjoni li ghandha ssir skond l-Artikolu 5 hija dik li taghti informazzjoni dettaljata dwar l-oggetti u prova li l-applikant huwa detentur ta' dritt ta' tali oggetti. Fil-kaz odjern jidher car illi l-Kontrollur tad-Dwana kellu diga` fil-pussess tieghu tali nformazzjoni u ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta' xi applikazzjoni formali. Id-dokumenti esebiti mill-appellat nomine certament huma sufficjenti ghal-finijiet u effetti li l-ligi relattiva riedet tilhaq.

c. L-intenzjoni li l-appellat nomine jipprocedi legalment kontra l-importatur hija cara fil-korrispondenza imsemmija aktar 'l fuq. Fl-istess korrispondenza l-appellat nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana jestendilu t-terminu li fih kellu jibda l-proceduri legali kontra l-appellant ghal ghaxart ijiem tax-xoghol u sabiex jipprovdilu d-dettalji tal-importatur.

d. Din il-Qorti ma tarax illi kien hemm xi rregolarita` procedurali f'din it-talba. Fil-fatt Artikolu 7(4) jghid hekk:

"Jekk fi zmien ghaxart ijiem tax-xoghol wara li l-applikant ikun gie notifikat b'avviz tas-sospenzjoni tar-rilaxx ta' oggetti jew tat-tizmim taghhom, wara decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana maghmula skond l-Artikolu 5(9), il-Kontrollur tad-Dwana ma jkunx inghata prova li jkunu nbdew procedimenti fil-Qorti Civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz jew inkella jekk l-Kontrollur tad-Dwana ma jkunx addotta provvedimenti jew mizuri li jtawlu s-sospenzjoni tar-rilaxx tal-oggetti, dawk l-oggetti ghandhom jigu rilaxxati, sakemm tkun tharset kull kundizzjoni ohra ghall-importazzjoni jew esportazzjoni. Dak it-terminu jista' jittawwal b'ghaxart ijiem <u>tax-xoghol</u> ohra mill-Kontrollur tad-Dwana." (enfasi tal-Qorti)

e. It-terminu originali ffissat mill-Kontrollur kien gie estiz ghal <u>ghaxart ijiem tax-xoghol</u> ohra u cioe` mill-14 ta' Frar u dan hu kkonfermat mill-Kontrollur tad-Dwana stess fl-*e-mail* tieghu data l-14 ta' Frar 2006 (a fol. 72 tal-process).

f. Fir-risposta ta' appell l-appellat isostni korrettement li l-kalkolu ta' ghaxart ijiem irid ikun fuq bazi ta' jiem ta' xoghol u mhux fuq *'running days'.* Jekk wiehed jikkalkula kemm-il gurnata ta' xoghol kien hemm bejn l-14 ta' Frar 2006 u t-28 ta' Frar 2006, isib illi kien hemm ezattament ghaxart ijiem tax-xoghol.

13. Ghal dawn ir-ragunijet, din il-Qorti hija sodisfatta li l-appellat agixxa entro t-terminu preskritt mil-ligi, kif dan gie validament estiz lilu mill-Kontrollur tad-Dwana. B'hekk l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistax jintlaqa'.

14. Bit-tieni aggravju, l-appellant jillanja li l-oggetti li huma protetti mil-ligi jridu jkunu *the 'same type of goods'.* L-appellant isostni li ma saritx prova illi s-socjeta` DaimlerChrysler AG timmanifattura arloggi bhal dawk esebiti. L-appellant isostni illi biex l-Att japplika, riedet issir prova mis-socjeta` attrici li hija timmanifattura arloggi tal-idejn bhal dawk mizmuma mid-Dwana, u ghalhekk jista' jkun hemm konfuzjoni.

15. Fir-risposta tieghu l-appellat insista li huwa gab provi ampji billi esebixxa kopji tar-registrazzjonijiet relevanti li jikkomprendu *"wrist watches"*. Ikompli jghid testwalment hekk:
"Oltre dan, minghajr l-obbligu tal-prova li fil-fatt jigu manifatturati *wrist watches* bil-markji tas-socjeta` attrici appellata, fl-affidavit tieghu l-attur nomine ddikjara bil-gurament tieghu stess li t-tielet raguni 'l ghala l-oggetti mertu tal-vertenza huma falsifikati, hija li dawk l-oggetti huma ta' kwalita` inferjuri ghall-oggetti (tal-istess tip) tas-socjeta` attrici stess, liema oggetti jifformaw parti mill-*accessories programme* ta' DaimlerChrysler AG. Il-fatt li arloggi (*watches*) jiffurmaw parti mill-*product accessories programme* tas-socjeta` attrici appellata gie ddikjarat b'gurament mill-attur nomine stess qua repprezentant awtorizzat mis-socjeta` attrici (ara par. 1 tal-istess affidvait), u allura debitament vestit bil-poter li b'responsabbilta` jaghmel dikjarazzjoni bhal din."

16. Din il-Qorti hija tal-fehma li anke dan it-tieni aggravju tal-appellant ma jistax jintlaqa'. Dana ghaliex l-attur appellat ghamel prova sodisfacenti quddiem l-ewwel Qorti li s-socjeta` attrici hija detentrici tat-*trademarks* Komunitarji imsemmija fir-rikors guramentat promotur. Dawn it-*trademarks* jikkonsisti fil-kliem "MERCEDES-BENZ" u "Mercedes-Benz" u sinjal partikolari ta' *'three pointed star'* tridimenzjonali gewwa cirku (ara fol. 23), liema *trademark* ikopru diversi prodotti, fosthom *horological and chronometric instruments"* (ara fol. 8, 18 u 25), cioe` prodotti li huma tal-istess tip u generu bhall-arloggi importati mill-konvenut. Inoltre, jirrizulta mill-affidavit tal-attur (ara fol. 55) li s-socjeta` attrici tipproduci arloggi bit-*trademarks* originali taghha.

17. L-appellant jargumenta fit-tielet aggravju tieghu li l-emblema taghti lemha izda mhux identika u allura din ma tistax tikkawza dizgwid. L-appellant jikkritika l-fatt illi l-ewwel Qorti accertat *de visu* u ma hatritx espert. Jghid ukoll illi l-attur, issa appellat, ma pproduca l-ebda ezemplari tal-arloggi. L-appellant jargumenta wkoll illi l-arloggi huma indipendenti mill-*applique* li hija biss *faccia* mpoggija fuq wicc l-arlogg. Jghid li din hija biss bicca tertuqa.

18. Din il-Qorti kkunsidrat ir-ritratti tal-kampjuni tal-arloggi tal-idejn importati mill-konvenut a fol. 41 sa 46 u a fol. 48 sa 49. Fuq dawn l-arloggi jidher car li hemm marka jew *logo* li tista' tghid huwa identiku ghall-kontenut tat-*trademarks* tas-socjeta` attrici. Barra t-*three pointed star emblem* l-arloggi fihom ukoll l-isem "Mercedes Benz" li wkoll hija marka li tappartjeni lil din is-socjeta`. Dawn l-arloggi, imlibbsa b'dan il-mod, qeghdin jattribwixxu l-appartenenza tal-manifattura taghhom lis-socjeta` attrici meta fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li dawn huma oggetti falsifikati ghaliex din is-socjeta` qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex dawn l-arloggi jigu mmanifatturati b'dan il-mod. L-appellant stess isostni illi dawn l-arloggi m'humiex fil-fatt manifatturati mis-socjeta` attrici u jargumenta illi l-arlogg huwa indipendenti minn dan il-logo, li jinsab biss fuq bicca tertuqa. Din il-Qorti tara illi dan l-argument huwa kompletament zbaljat anzi irrizorju ghaliex

il-“bicca tertuqa” hija parti intrinsika mill-arlogg, li fl-assjem tieghu, huwa intiz biex jikkontravvjeni d-dritt dwar proprjeta` intelletwali appartenenti lis-socjeta` attrici. L-ewwel Qorti mxiet korrettement meta hija ma qabditx espert biex jghid jekk l-arloggi importati mill-konvenut kienux falsifikati fis-sens tal-Kap. 414. L-attur nomine, fl-affidavit tieghu jikkonferma li *si tratta* ta’ oggetti falsifikati ghal tlett ragunijet li hu indika fl-istess affidavit tieghu (ara fol. 54). Il-kwalita` inferjuri tal-istess arloggi mportati mill-konvenut tohrog car ukoll mill-prezzijiet li jidhru fuq l-*invoice* a fol. 75. Apparti dak li ghadu kif intqal, il-fatt li dawn l-arloggi m’humiex immanifatturati mis-socjeta` appellata huwa kkonfermat fl-*e-mail* ta’ l-Avukata Beate Lalk-Menzel, li fis-6 ta’ Frar ikkonfermat illi *“the products are all fake”*. Ghalhekk anke dan it-tielet aggravju ma jistax jintlaqa’.

19. Ghal dan il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dana li t-terminu ta’ hmistax (15)-il gurnata tax-xoghol sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-arloggi in kwistjoni ghandu jibda’ jidekorri mil-lum.

L-ispejjez ta’ din l-istanza wkoll ghandhom jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------